MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 631/2002/1

**Cit Nru: 631/02 JA.**

**Philip Grima.**

**-vs-**

**Carmelo Cuschieri.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-31 ta' Mejju, 2002 li permezz tieghu l-attur ippemetta:

Illi in forza ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Carmelo Lia fit-2 ta' Lulju 1969 Camelo Calleja kkonceda in enfitesi perpetwa minn dakinhar il-quddiem lill-kontendenti li flimkien accettaw u akkwistaw il-ghalqa

msejha tal-Barriera jew tad-Dukkara f’ Birkirkara, fil-kuntrada ta’ Sqaq San Gwann ta’ tlitt

itmien, siegh u seba kejliet (3T.1S.7K) konfinanti mill-Lvant ma' Sqaq Torri, Nofs in-nhar ma beni tal-familja Ellul mill-Pieta', punent ma beni f' idejn Ninu Calleja u tramuntana ma' beni ta' Carlo Xuereb, muija fi pjanta annessa ma' l-istess kuntratt, bid-drittijit u l-pertinenzi kollha taghha, versu l-kondizzjonijiet elenkati fl-istess kuntratt inkluz versu c-cens annwu u perpetwu ta' hames mitt lira pagabbli bis-sitt xhur bil-quddiem minn dakinhar tal-kuntratt cioe' mit-2 ta' Lulju 1969.

Illi mill-1969 sa llum il-bicca l-kbira ta' l-imsemmi cens annwu u perpetwu ta' hames mitt lira thallas mill-attur.

Illi minn konteggi li saru bl-ghajnuna ta' Charles Sciriha, liema konteggi qablu maghhom il-kontentendi, irrizulta illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attur is-somma ta' hamest elef mija u seba u tmenin lira sitta u tletin centezmu (Lm5187.36) u dan biex il-kontendenti jigu fi stat ta' parita' ghal dak li jirrigwarda l-hlas ta' cens annwu u perpetwu fuq imsemmi.

Illi a tenur ta' l-istess konteggi li saru bl-ghajununa ta' Charles Sciriha u accettati mill-kontendenti kif fuq inghad, l-istess konvenut ghandu ukoll jaghti lill-attur s-somma ta' elfejn erba' mija u sitta u sittin lira u tnejn u disghin centezmu (Lm2466.92) in linea ta' xogholijiet illi l-attur ghamel u/jew hallas ghalihom fid-dar tal-konvenut, kif ukoll spejjez legali u ta' kuntratti u spejjez simili u/jew relatati ma negozju illi l-kontendenti ghamlu flimkien matul is-snin.

Illi ghalhekk b' kollox il-konvenut ghandu jghati lill-attur is-somma ta' LM7,654.28.

Illi l-konvenut, nonostante l-fatt illi gie nterpellat diversi drabi biex ihallas din is-somma, addirittura issa qieghed jirrifjuta illi jhallasha.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex l-konvenut m’ ghandhux:

1. Jigi kkundannat ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta’ sebat elef sitta mija u erbgha u hamsin lira u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm7,654.28).

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tat-3 ta’ Mejju, 2002 u bl-imghax legali mit-28 ta’ Lulju 1999 (cioe’ mid-data meta l-kontendenti qablu fuq l-imsemmija konteggi) kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut naqas li jipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-2 t’ Ottubru, 2002 li permezz tieghu l-istess konvenut talab li jinghata l-fakolta li jippresenta nota ta’ l-eccezzjonijiet.

Rat il-verbal tat-30 ta’ Jannar, 2004 u dawk sussegwenti li bih il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq din it-talba.

Rat il-provi migbura.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut biex jiggustifika l-kontumacja tieghu, ikkonferma bil-gurament tieghu il-kontenut tal-istess rikors tiehu. Fi ftit kliem qal li kien marid meta rcieva c-citazzjoni u dam cirka ghaxart ijiem fi stat deluzjonali.

Il-Qrati taghna f’ dawn l-ahhar snin irrilassaw mhux ftit fid-diskrezzjoni taghhom biex jakkordaw lill-konvenut kontumaci il-fakolta’ li jppresentaw id-difiza taghhom. Per ezempju fil-kawza “Joseph Naudi Montalto vs Emanuel Xuereb” deciza fis-27 ta’ Frar 1995 din il-Qorti elenkat numru ta’ regoli dwar sitwazzjonijiet simili.

Dawn huma:

1. Il-kontumacja ma tistax tigi gustifikata jekk kienet volontarja.

2. Anqas tista tigi skuzata jekk almenu kolpuza (ara ukoll is-sentenza fl-ismijiet Cilia vs Farrugia (Appell Inferjuri 29 ta' Novembru 1958).

3. Biex ikun hemm lok ghal gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f' impediment legittimu.

5. L-impediment biex ikun legititmu ghandhu jkun indipendenti mill-volonta tal-kontumaci.

6. L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx invincibbli.

7. Dan l-impediment legittimu jista jkun *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili.*

8. L-impossibilita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-difikolta' gravi biex tista tikkostitwixxi impediment legittimu ghandhu jkun fiziku u eccezjonalment biss tista tkun morali.

F' dan il-kaz il-Qorti thoss li il-konvenut ma ikkonvincihix li n-nuqqas tieghu kien dovut ghal xi mottiv li ma' kellux kontrall fuqu. Fil-waqt li l-Qorti tista' taccetta li kien marid, certament ma kienx marid ghal zmien twil bizzejjed biex jiggustifika l-kontumacja tiehu u barra minn hekk ma gab ebda prova konvincenti li dak li qed jallega fir-rikors tieghu hu ghal kollox veritjier.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti thoss li l-konvenut ma rnexxilux jiggustifika l-kontumacja tieghu u tiddecidi dwar ir-rikors tal-konvenuti tas-26 ta' Settembru, 2002 billi tichad it-talba tieghu u tiddikjarah kontumaci skond il-ligi f' dawn il-proceduri.**

**L-ispejjes riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------